

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom”

(COM(2018) 132 final)

(2018/C 440/22)

Relatur: **Giulia BARBUCCI**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 14.5.2018
Bażi legali	Artikolu 292 flimkien mal-Artikolu 153(1)(c), l-Artikolu 153(2), sottoparagrafu 3, u l-Artikolu 352 tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	19.7.2018
Adottata fil-plenarja	20.9.2018
Sessjoni plenarja Nru	537
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	148/39/32

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE, f'konformità mal-istrumenti internazzjonali fundamentali, jemmen li kull persuna għandha **d-dritt għal ħaġġa diċenti, protezzjoni soċjali** u protezzjoni kontra r-riskji ewlenin kollha fuq il-post tax-xogħol u tul il-ħajja, inklużi l-kura tas-saħħa u d-dritt għal irtirar dinjituż fix-xjuħija. Kopertura xierqa tal-ħaddiema f'forom ta' xogħol mhux standard u ta' dawk li jaħdmu għal rashom tikkontribwixxi għal dan il-għan f'konformità mal-prinċipji deskritti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li issa għandhom isiru realtà. L-aċċess u l-kontribuzzjoni tagħhom lejn il-benefiċċji tal-kura tas-saħħa, tal-maternità u l-paternità, tad-diżabbiltà u tax-xjuħija għandhom jiġu ggarantiti.

1.2. Il-KESE jfakkar li **aċċess għas-sistemi tal-protezzjoni soċjali** huwa element ewleni għal soċjetajiet aktar ġusti u komponent fundamentali ta' forza ta' xogħol produttiva, b'saħħitha u attiva. It-treġġiġh lura tas-**sostenibbiltà soċjali** ⁽¹⁾ bħala prinċipju fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE, bl-oġettiv usa' li jinħolqu kundizzjonijiet indaqs fil-qasam soċjali, fejn kulħadd li jħaddan l-istess regoli u b'kundizzjonijiet komparabbli jista' jgawdi aċċess għall-protezzjoni soċjali, għandu jkun l-oġettiv komuni tal-istituzzjonijiet fil-livelli kollha, tas-soċjetà ċivili organizzata u tal-imsieħba soċjali.

1.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni, fejn meħtieġ u jirrapportaw, permezz ta' **pjani ta' azzjoni** speċifiċi bbażati, fost l-oħrajn, fuq id-diskrepanzi deskritti mill-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea li tappoġġja r-Rakkomandazzjoni u bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili organizzata.

1.4. Il-KESE jilqa' l-impatti ewlenin mistennija mill-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni peress li dawn se jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini, għall-ħaddiema u għall-kumpaniji: **żieda fil-mutwalizzazzjoni tar-riskju, fis-sigurtà tal-introjt, fid-dinamiżmu tas-suq tax-xogħol, produttività akbar, allokkazzjoni aħjar tar-riżorsi, u tnaqqis fl-insigurtà u l-qgħad** għall-individwi, fost l-oħrajn.

1.5. “Il-KESE huwa tal-fehma li soluzzjoni komprensiva għall-problemi relatati mar-rikonoxximent ta' drittijiet ta' sigurtà soċjali għal **ħaddiema f'forom ġodda ta' impjieġ** jistgħu jinstitabu billi jiġi riformat il-mod li bih is-sistema hija ffinanzjata. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri biex jespjoraw modi ta' finanzjament tas-sistemi tas-sigurtà soċjali li mhux biss jiżguraw is-sostenibbiltà ta' dawk is-sistemi, iżda jissodisfaw ukoll il-ħtieġa li jingħata aċċess għalihom lil persuni involuti f'forom ġodda ta' xogħol” ⁽²⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 237, 6.7.2018, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 129, 11.4.2018, p. 7.

1.6. Il-KESE jirrakkomanda li l-inizjattivi mwettqa fil-qafas tar-Rakkomandazzjoni għandhom jipprovdu **benefiċċji u dispożizzjonijiet adegwati**, inklużi xbieki ta' sikurezza għal dawk li ma jistgħux jilhqqu livelli minimi ta' intitolament, b'mod partikolari għal dawk li ma jistgħux jaħdmu u l-familji tagħhom. Il-KESE jinnota b'dispaċir li l-introjtu bażiku ma ġiex ikkunsidrat fir-Rakkomandazzjoni, kif iddikjarat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Valutazzjoni tal-Impatt⁽³⁾. Sa mill-2013 il-KESE appella għal direttiva Ewropea li tistabbilixxi introjtu minimu Ewropew, għaliex jikkunsidra li din tista' tgħin biex tkun żgurata koeżjoni ekonomika u territorjali, tipproteġi d-drittijiet fundamentali tal-individwu, tiggarantixxi bilanċ bejn l-għanijiet ekonomiċi u soċjali u biex il-ġid u l-introjtu jitqassmu b'mod ġust"⁽⁴⁾.

1.7. L-**età** u l-**ġeneru** għandhom rwol sinifikanti fl-esklużjoni ta' persuni minn skemi ta' protezzjoni soċjali: dawn il-fatturi għandhom jitqiesu b'mod partikolari meta jiġu ddefiniti azzjonijiet fl-ispettru tar-Rakkomandazzjoni.

1.8. Il-KESE jinnota li l-**effettività** fil-kopertura u l-aċċess tas-sistemi għandha tiġi pprovduta u segwita, l-aktar meta tiġi ddefinita u implimentata azzjoni fil-livell nazzjonali; it-**trasferibbiltà** tad-drittijiet soċjali għandha titqies meta l-individwi jiċċaqilqu bejn relazzjonijiet differenti ta' impjeg tas-suq tax-xogħol, u bejn skemi u aggregazzjonijiet tad-drittijiet.

1.9. Il-KESE jemmen li l-kumplexità regolatorja u aspetti amministrattivi oħra għandhom jiġu indirizzati sabiex tiġi żgurata **trasparenza** sħiħa bl-għan li jiżiedu s-sensibilizzazzjoni u l-għarfien tal-persuni fir-rigward tal-obbligi u tad-drittijiet tagħhom; dan jista' jsir ukoll billi tittejjeb il-kwalità tad-data statistika (diżaggregata skont it-tip ta' relazzjoni ta' impjeg, età, sess, diżabbiltà, status, nazzjonalità eċċ.).

2. Introduzzjoni

2.1. Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni soċjali hija waħda mill-inizjattivi mwettqa mill-Kummissjoni taħt il-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**. Ir-Rakkomandazzjoni u l-**prinċipji ewlenin** tagħha huma konformi u koerenti ma' bosta mill-għoxrin prinċipji ewlenin tal-EPSR u tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tiegħu. B'mod partikolari, prinċipju 12 jgħid li "Irrispettivament mit-tip u mit-tul ta' żmien tar-relazzjoni tax-xogħol tagħhom, il-ħaddiema, u f'ċerti kundizzjonijiet simili, il-ħaddiema għal rashom, għandhom id-dritt għal protezzjoni soċjali adegwata"⁽⁵⁾.

2.2. L-objettiv ewlieni tal-inizjattiva huwa li tagħti lil kull ħaddiem, speċjalment dawk f'forom atipiċi ta' xogħol u li jaħdmu għal rashom, **aċċess konkret u effettiv għal** miżuri tal-**protezzjoni soċjali**. Din għandha wkoll l-għan li tappoġġja u tikkomplementa lill-Istati Membri fl-eliminazzjoni tad-diskrepanza u fl-għoti ta' aċċess ġust u proporzjonat ta' protezzjoni soċjali lil persuni kollha fuq il-post tax-xogħol, indipendentement mill-istatus ta' impjeg tagħhom⁽⁶⁾.

2.3. L-ewwel nett, ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan "li telimina jew tnaqqas l-ostakoli li jfixklu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali milli jipprovdu lill-persuni protezzjoni soċjali adegwata **irrispettivament mit-tip ta' relazzjonijiet ta' impjeg jew statuses fis-suq tax-xogħol**, filwaqt li tirrispetta il-kompetenzi tal-Istati Membri fit-tfassil tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom"⁽⁷⁾.

2.4. Ir-Rakkomandazzjoni għandha wkoll l-għan li tiżgura li **livell xieraq ta' protezzjoni soċjali** jkun aċċessibbli għal ħaddiema kollha: "l-introjtu u l-limiti ta' żmien (perjodi minimi, perjodi ta' stennija, perjodi ta' xogħol, it-tul ta' żmien ta' benefiċċji) jistgħu jikkostitwixxu ostaklu kbir wisq għall-aċċess għall-protezzjoni soċjali għal ċerti gruppi ta' ħaddiema mhux standard u għall-ħaddiema għal rashom"⁽⁸⁾.

⁽³⁾ Commission Staff Working Document Impact Assessment Accompanying the Document (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja dan id-Dokument). (Mhux disponibbli bil-Malti)

⁽⁴⁾ ĠU C 170, 5.6.2014, p. 23.

⁽⁵⁾ ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10.

⁽⁶⁾ Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni 202 tal-ILO, li tipprovdi gwida għall-istabbiliment u ż-żamma ta' protezzjoni soċjali bażika bħala element ewlieni tas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali tagħhom.

⁽⁷⁾ Ara r-Rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni soċjali, paġna 8, 14, § 10, 15 § 4, 23 § 8, 10.

⁽⁸⁾ Ara r-Rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni soċjali, paġna 17 § 18.

2.5. Il-KESE jinnota b'dispijaċir li l-introjtu bażiku ma ġiex ikkunsidrat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Studju reċenti tal-OECD⁽⁹⁾ iddikjara li: "Minħabba bidliet mgħaġġla fis-suq tax-xogħol, id-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-introjtu bażiku, madankollu, jagħtu spinta siewja dwar it-tip ta' protezzjoni soċjali li s-soċjetajiet jixtiequ." Il-KESE aktar qabel iddikjara⁽¹⁰⁾ li "Introjtu minimu Ewropew ser jgħin biex tiġi żgurata l-koeżjoni ekonomika u territorjali, biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, biex jiġi garantit bilanċ bejn l-għanijiet ekonomiċi u soċjali u biex ir-riżorsi u l-introjtu jitqassmu mill-ġdid b'mod ekwu"; huwa sejjaħ ukoll għall-adozzjoni ta' direttiva ta' qafas u li jiġu eżaminati "l-possibilitajiet ta' finanzjament għal introjtu minimu Ewropew".

2.6. Miżuri u prinċipji deskritti fir-Rakkomandazzjoni se jkollhom l-għan li jggarantixxu **aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema kollha** (b'mod partikolari għall-ħaddiema f'forum ta' xogħol mhux standard u dawk li jaħdmu għal rashom), u min-naħa l-oħra, din se tiżgura li **tiġi ggarantita protezzjoni soċjali xierqa** fiċ-ċirkostanzi kollha.

2.7. Fi ftehimiet, dikjarazzjonijiet konġunti u negozjar kollettiv nazzjonali preċedenti, l-imsieħba Ewropej u nazzjonali indirizzaw b'mod estensiv il-kwistjoni li jiġi żgurat aċċess xieraq għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema kollha. Pereżempju, il-preamboli tal-ftehimiet tal-imsieħba soċjali Ewropej dwar il-kuntratti b'terminu fiss u dwar xogħol part-time jinnotaw il-hteġa li "jiżguraw li l-arranġamenti tal-protezzjoni soċjali jkunu adattati għall-forom flessibbli tax-xogħol li kulma jmur qed jevolvu". Fil-programm ta' ħidma tagħhom 2015-2016⁽¹¹⁾, l-imsieħba soċjali Ewropej innotaw il-hteġa li "jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-aċċessibbiltà tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali għaċ-ċittadini kollha".

2.8. L-imsieħba soċjali Ewropej esprimew it-tħassib tagħhom fl-"Analiżi fil-fond tal-impjiegi" tagħhom, li ġiet innegozjata fl-2015⁽¹²⁾, fejn dawn jirakkomandaw li "l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jaħdmu flimkien b'mod aħjar biex jindirizzaw il-korruzzjoni, il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, li għandhom effett ta' detriment fuq is-sistemi ta' protezzjoni soċjali, in-negozji responsabbli u l-individwi". Barra minn hekk, dawn irrakkomandaw li l-Istati Membri għandhom jeżaminaw fejn hemm nuqqasijiet fis-sostenibbiltà u l-adekwatezza tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali tagħhom, f'kollaborazzjoni mal-imsieħba soċjali, u jistinkaw sabiex jiżguraw li tali sistemi jkomplu jissodisfaw il-ħteġijiet tal-persuni fil-futur, b'mod partikolari ta' dawk l-aktar vulnerabbli u li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni"⁽¹³⁾.

3. Kummenti ġenerali: Kuntest

3.1. Dinja tax-xogħol li qed tinbidel: **id-diġitalizzazzjoni, il-bidla demografika, it-tranżizzjoni tal-enerġija, il-globalizzazzjoni u forum ġodda ta' xogħol** jistgħu jgħibu kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi għall-gvernijiet, is-soċjetà ċivili organizzata u l-imsieħba soċjali.

3.2. Swieq tax-xogħol li qed jinbidlu: ir-riformi strutturali tas-suq tax-xogħol iddiversifikaw is-swieq tax-xogħol u xi arranġamenti kuntrattwali huma bħalissa esklużi mill-miżuri bażiċi tal-protezzjoni soċjali f'xi Stati Membri. Hemm **varjeta** dejjem akbar ta' **arranġamenti kuntrattwali** u differenzi nazzjonali sinifikanti f'termini ta' kuntest u sistemi: fl-2016 fl-UE 14 % tal-ħaddiema kienu jaħdmu għal rashom, 8 % kienu f'impjieg temporanju full-time, 4 % f'impjieg temporanju part-time u 13 % f'impjieg permanenti part-time⁽¹⁴⁾.

3.3. Jeżistu sistemi differenti tal-protezzjoni soċjali f'pajjiżi differenti iżda kollha kemm huma qed jaffaċċjaw **sfidi simili**: it-trasformazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-bidliet fil-leġislażzjoni, it-tixjiħ tal-forza tax-xogħol u t-tendenza li tiżdied l-età statutorja tal-irtirar; ir-rata baxxa ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u tan-nisa fis-swieq tax-xogħol f'termini ta' kwalità u kwantità; l-inklużjoni ta' persuni li huma l-aktar imbiegħda/l-aktar probabbli li jibqgħu esklużi mis-swieq tax-xogħol; id-diġitalizzazzjoni u forum ġodda ta' xogħol. Xi sistemi tal-protezzjoni soċjali huma mfassla b'tali mod li l-kontribuzzjonijiet tal-protezzjoni soċjali huma parti mis-salarju tal-ħaddiema. Dan jeħteġ li jitqies fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi ġodda.

⁽⁹⁾ Basic income as a policy option: Technical Background Note Illustrating costs and distributional implications for selected countries (Introjtu bażiku bħala għażla ta' politika: Nota ta' Sfond Teknika li turi l-ispejjeż u l-implikazzjonijiet tad-distribuzzjoni għal pajjiżi magħżula), OECD, 2017.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 170, 5.6.2014, p. 23.

⁽¹¹⁾ <http://resourcecentre.etuc.org/EU-social-dialogue-5.html>.

⁽¹²⁾ Analiżi profonda tal-impjiegi 2015 – KETU, BUSINESSEUROPE, CEEP, UEAPME.

⁽¹³⁾ Ara n-nota 12 f'qiegħ il-paġna.

⁽¹⁴⁾ EUROSTAT 2016.

3.4. **L-impatt tal-ġeneru** fuq l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-fatt li wieħed jibqa' fil-kif ukoll l-inklużjoni/l-esklużjoni fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali jeħtieġ li jiġu evalwati. Flimkien maż-żgħażaġh u l-migranti, in-nisa ħafna drabi huma rrappreżentati żżejjed f'forom ġodda ta' xogħol ⁽¹⁵⁾ b'riperkussjonijiet fuq id-drittijiet tal-protezzjoni soċjali.

3.5. L-età hija wkoll fattur importanti f'termini ta' aċċess għall-protezzjoni soċjali: il-ġenerazzjonijiet aktar żagħżuġha għandhom it-tendenza li jkunu aktar soġġetti għal forum atipiċi ta' xogħol ("il-proporzjon ta' ħaddiema żgħażaġh ta' bejn l-20 u t-30 sena f'arranġamenti kuntrattwali temporanji jew b'kuntratt ieħor jew xejn' huwa d-doppju tal-ħaddiema fil-faxex tal-etajiet l-oħrajn" ⁽¹⁶⁾). Tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni għal forum standard ta' impjeg saru itwal u jistgħu jħallu effett negattiv kemm f'termini ta' aċċess għal protezzjoni soċjali kif ukoll ta' intitolamenti tal-pensjoni futuri inkluż minħabba l-frammentazzjoni estrema tal-karriera tax-xogħol ⁽¹⁷⁾.

3.6. Id-diskrepanzi fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali, minħabba l-istatus tas-suq tax-xogħol u t-tip ta' relazzjoni tal-impjeg, jafu jfixklu t-teħid ta' opportunitajiet li wieħed jimxi minn status ta' suq tax-xogħol għal ieħor, jekk dan ikun ifisser li jintilfu xi intitolamenti, u fl-aħħar mill-aħħar jaf iwassal f'naqas tkabbir fil-produttività tax-xogħol. Għaldaqstant, dawn jafu ma jkunux ta' sostenn għall-intraprenditorija u jtellfu **l-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli**.

3.7. Dawn id-diskrepanzi jafu jwasslu għal abbuż fl-istatuses tal-impjegji u joħlqu kompetizzjoni inġusta bejn il-kumpaniji li jkomplu jikkontribwixxu għall-protezzjoni soċjali u dawk l-oħrajn li le.

3.8. Fit-tul taż-żmien, hija s-sostenibbiltà ekonomika u soċjali tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali nazzjonali li tisfa friskju, speċjalment minħabba x-xejriet demografiċi u rati tal-qgħad attwali.

4. Kummenti speċifiċi: Il-kontenut essenzjali tar-Rakkomandazzjoni

4.1. Il-KESE jinnota li l-leġislazzjoni preċedenti fil-livell Ewropew (fosthom id-Direttivi 2010/41/UE, 2014/50/UE, (UE) 2016/2341 ippruvat telimina d-diskrepanzi fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali, iżda s-sejbiet preliminari- pereżempju fid-Direttiva 2010/41/UE – juru li din ma rnexxlihiex fxi każijiet tiżgura aċċess effettiv għall-protezzjoni soċjali ta' dawk li jaħdmu għal rashom ⁽¹⁸⁾.

4.2. Il-KESE jinnota wkoll li fis-SAT 2018, il-Kummissjoni Ewropea tinsisti li s-sostituzzjoni tal-introjt permezz tal-protezzjoni soċjali hija kruċjali sabiex jiġu eliminati d-diskrepanzi fl-inugwaljanza, jitravmu l-koeżjoni soċjali u t-tkabbir inklużiv ⁽¹⁹⁾.

4.3. F'dawn l-aħħar f'tit snin, l-għadd ta' persuni li jaħdmu għal rashom fl-Ewropa naqas bi f'tit ⁽²⁰⁾. Waħda mir-raġunijiet għal dan hija l-livell insuffiċjenti/in-nuqqas ta' livell ta' protezzjoni ta' dawn il-ħaddiema f'każ ta' mard u raġunijiet oħra marbuta mal-ħajja personali (maternità, paternità, kura tal-familja eċċ.). Għaldaqstant, livell xieraq ta' protezzjoni jista' jwassal għal aktar impjegji indipendenti u impjegji indipendenti aħjar. Madankollu, huwa assolutament kruċjali li l-istituzzjonijiet fil-livelli kollha jiġġieldu l-forom kollha ta' impjeg indipendenti falz, inkluż b'mod transnazzjonali.

4.4. Il-KESE jilqa' u jappoġġja, f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni inkluża fir-Rakkomandazzjoni sabiex jitwettaq aktar minn dak li ġie propost inizzjalment fil-valutazzjoni tal-impatt, jiġifieri li tiġi rakkomandata estensjoni ta' kopertura formali fuq bażi obligatorja għall-ħaddiema kollha u l-iżgurar li l-persuni li jaħdmu għal rashom ikollhom aċċess għall-protezzjoni soċjali billi tiġi estiża l-kopertura formali tagħhom fuq bażi mandatorja għal mard, benefiċċji tal-kura tas-saħħa, benefiċċji tal-maternità/paternità, benefiċċji tax-xjuħija u tal-invalidità, kif ukoll benefiċċji fir-rigward ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard okkupazzjonali u fuq bażi volontarja għal benefiċċji tal-qgħad biss. Il-KESE jemmen li **r-rati baxxi ta' reġistrazzjoni fi skemi volontarji mill-persuni li jaħdmu għal rashom** (inqas minn 1 % sa 20 %), fejn ikunu jeżistu, jiġġustifikaw azzjoni msaħħa sabiex jiġu promossi kopertura u protezzjoni usa'.

⁽¹⁵⁾ ILO: INWORK Issue Brief No 9, May 2017.

⁽¹⁶⁾ Ara r-Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, paġni 2–3.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 367, 10.10.2018, p. 15.

⁽¹⁸⁾ Ara: Barnard, C. u Blackham A. (2015), "The implementation of Directive 2010/41 on the application of the principle of equal treatment between men and women engaged in an activity in a self-employed capacity" (L-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/41 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament indaqs bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività f'kapaċità ta' impjeg indipendenti), rapport tan-Netwerk Ewropew tal-esperti legali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi, li ġie kkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja tal-Kummissjoni Ewropea; ara l-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, paġna 9.

⁽¹⁹⁾ 2018 European Semester: Annual Growth Survey (Semestru Ewropew 2018: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir). (Mhux disponibbli bil-Malti)

⁽²⁰⁾ Ara Eurofound: "The many faces of self-employment in Europe (Il-ħafna aspetti ta' impjeg indipendenti fl-Ewropa)". (Mhux disponibbli bil-Malti)

4.5. Il-miżuri mmirati lejn kopertura sħiħa ta' dawk li jaħdmu għal rashom huma għalhekk milqugħa. Dan jinkludi – fejn meħtieġ – konjuġi ta' għajjnuna, jiġifieri l-konjuġi jew is-sieħeb/is-sieħba li jaħdmu għal rashom, fejn il-konjuġi ta' għajjnuna jikkontribwixxi/tikkontribwixxi b'mod regolari u attiv għall-attività tal-persuna li taħdem għal rasha b'tali mod li tista' titqies bħala l-attività prinċipali tal-konjuġi ta' għajjnuna.

4.6. Iċ-ċittadini kollha għandu jkollhom aċċess għal sistemi tal-protezzjoni soċjali li jkunu kapaċi jipprovdu **benefiċċji xierqa**. Is-sistemi jistgħu jkunu bbażati fuq it-taxxa u/jew fuq l-assigurazzjoni, li għalihom il-persuni jikkontribwixxu b'mod ugwali u proporzjonat għall-kapaċità tagħhom (jew huma eżentati minn dawn il-kontribuzzjonijiet) u li jibbenefikaw minnhom skont il-ħtiġijiet tagħhom, tal-inqas fir-rigward ta' dispożizzjonijiet minimi xierqa u xbieki ta' sikurezza ta' riżerva.

4.7. Is-**sostenibbiltà** u l-finanzjament tal-aċċess għal protezzjoni soċjali **xierqa** biex jakkumpanjaw il-bidliet fis-swieġ tax-xogħol ⁽²¹⁾ għandhom jiġu żgurati sabiex iservu l-inklużività, l-adekwatezza, il-ġustizzja u l-ugwaljanza f'perspettiva usa' ta' tkabbir soċjetali u ekonomiku.

4.8. Għandha titfassal bil-quddiem azzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali sabiex jinkisbu **trattament u opportunitajiet** indaqs: L-infiq pubbliku soċjali fl-Ewropa huwa "parti integrata mill-mudell soċjali Ewropew"; l-Ewropa minn dejjem kienet kontinent attraenti ħafna, bis-saħħa tal-livell għoli ta' sigurtà soċjali meta mqabbla ma' reġjuni oħra tad-dinja.

4.9. L-iskemi tal-protezzjoni soċjali għandhom ikunu bbażati fuq is-**solidarjetà** u l-**ugwaljanza** mingħajr ebda possibbiltà ta' diskriminazzjoni minħabba kundizzjonijiet/sfondi personali u/jew statuses tal-impjeg differenti.

4.10. Id-definizzjoni tal-miżuri tal-protezzjoni soċjali għall-**persuni b'diżabbiltà** għandha ssir abbażi tal-approċċ tad-drittijiet tal-bniedem fid-dawl tas-CRPD (il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, NU). Il-persuni b'diżabbiltà li ma jistgħux jaħdmu u l-familji tagħhom għandhom jiġu protetti "mir-riskju tal-faqar u jiġu ggarantiti standards xierqa ta' għajxien" ⁽²²⁾.

4.11. Il-KESE jitlob li r-Rakkomandazzjoni tiġi implimentata bis-sħiħ mill-Istati Membri, sabiex ħaddiema f'forom ta' xogħol mhux standard u dawk li jaħdmu għal rashom igawdu minn protezzjoni aħjar. Is-sistemi tal-protezzjoni soċjali għandhom jifasslu (mill-ġdid) sabiex ikunu dejjem aktar **inklużivi**, anke f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet 2018 tas-SAT "Komplementarjetà aħjar bejn is-suq tax-xogħol u s-sistemi tal-integrazzjoni soċjali se tgħin lill-gruppi vulnerabbli kollha, tiġġenera prosperità akbar għal kulħadd u toħloq koeżjoni soċjali aktar b'saħħitha".

4.12. Il-ġlieda kontra l-kompetizzjoni inġusta fl-Unjoni Ewropea u l-azzjoni kontra x-xogħol mhux iddikjarat (anke f'konformità mal-azzjonijiet imwettqa mill-Pjattaforma Ewropea kontra x-Xogħol Mhux Iddikjarat) se jkunu ta' benefiċċju għan-negozji peress li protezzjoni soċjali akbar u t-tnaqqis tal-kompetizzjoni inġusta jista' jkollhom **impatt pożittiv fuq il-produttività**.

4.13. L-aċċess universali għall-**kura tas-saħħa** huwa element ieħor ewlieni tar-Rakkomandazzjoni, f'konformità mal-Prinċipju 16 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ⁽²³⁾. Kif muri mill-Valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni fi ftit pajjiżi, minħabba l-arranġamenti kuntrattwali jew ir-regolament dwar is-suq tax-xogħol, il-ħaddiema f'forom ta' xogħol mhux standard u l-persuni li jaħdmu għal rashom jistgħu jaffaċċjaw aċċess limitat għall-kura tas-saħħa. L-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-persuni kollha li jaħdmu u dawk li jaħdmu għal rashom għandu jkun obligatorju.

4.14. Il-KESE jilqa' wkoll iż-żieda mħabbra fil-kooperazzjoni mal-Eurostat biex jinħolqu **indikaturi xierqa** sabiex jiġi rreġistrat il-progress lejn kopertura formali, kopertura effettiva u t-trasparenza, eċċ. u x-xogħol li se jitwettaq mill-Kummissjoni fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali sabiex jiġi stabbilit **qafas ta' valutazzjoni** għall-protezzjoni soċjali. Dan se jgħin sabiex jingħeleb in-nuqqas ta' bażi tad-data soda u valutazzjoni aktar preċiża tal-impatt tal-politiki implimentati fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni.

Brussell, l-20 ta' Settembru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER

⁽²¹⁾ Ara d-dokument ta' pożizzjoni ta' BUSINESSEUROPE dwar "Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali", paġna 1, 1 (19 ta' April 2018).

⁽²²⁾ Ara r-"Resolution to promote employment & social inclusion of persons with disabilities" (Riżoluzzjoni għall-promozzjoni tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà) tas-6 ta' Novembru 2017 <http://www.edf-feph.org/newsroom/news/social-pillar-edf-adopts-resolution-promote-employment-social-inclusion-persons>.

⁽²³⁾ EPSR, Prinċipju 16: "Kulħadd għandu d-dritt għal aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva ta' kwalità tajba".

ANNEX

L-emendi li ġejjin għall-punti 1.6 u 2.5 inċaħdu waqt id-diskussjoni għalkemm irċevew mill-inqas kwart tal-voti:

Punt 1.6

Ibdel kif ġej:

1.6. Il-KESE jirrakkomanda li l-inizjattivi mwettqa fil-qafas tar-Rakkomandazzjoni għandhom jipprovdu **benefiċċji u dispożizzjonijiet adegwati**, inklużi xbieki ta' sikurezza għal dawk li ma jistgħux jilhqg livelli minimi ta' intitolament, b'mod partikolari għal dawk li ma jistgħux jaħdmu u l-familji tagħhom. Il-KESE ~~jinnota b'dispijaċir~~ li l-introjtu bażiku ma ġiex ikkunsidrat fir-Rakkomandazzjoni, kif iddikjarat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Valutazzjoni tal-Impatt ⁽¹⁾ għal numru ta' raġunijiet, bħal kriterji ta' kopertura u preferenza għall-indirizzar tal-problemi fil-qafas ta' sistemi ta' sigurtà soċjali eżistenti fl-Istati Membri. Madankollu, il-KESE jilqa' d-diskussjoni li għaddejjja fl-Istati Membri dwar introjtu bażiku u xbieki ta' sikurezza oħrajn bil-għan tal-inklużjoni attiva fis-swieg tax-xogħol u s-soċjetà iġenerali. Sa mill-2013 il-KESE appella għal direttiva Ewropea li tistabbilixxi introjtu minimu Ewropew, għaliex jikkunsidra li din tista' tgħin biex tkun żgurata koeżjoni ekonomika u territorjali, tiproteġi d-drittijiet fundamentali tal-individwu, tiggarrantixxi bilanċ bejn l-għanijiet ekonomiċi u soċjali u biex il-ġid u l-introjtu jitqassmu b'mod ġust ⁽²⁾.

Raġuni

Se tingħata bil-fomm.

Riżultat tal-votazzjoni

Favur	91
Kontra	112
Astensjonijiet	10

Punt 2.5

Ibdel kif ġej:

2.5. Il-KESE jinnota li l-introjtu bażiku ma ġiex ikkunsidrat fir-Rakkomandazzjoni, kif iddikjarat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Valutazzjoni tal-Impatt għal numru ta' raġunijiet, bħal kriterji ta' kopertura u preferenza għall-indirizzar tal-problemi fil-qafas ta' sistemi ta' sigurtà soċjali eżistenti fl-Istati Membri. Il-KESE ~~jinnota b'dispijaċir~~ li l-introjtu bażiku ma ġiex ikkunsidrat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Studju reċenti tal-OECD iddikjara li: "Minħabba bidliet mgħaġġla fis-suq tax-xogħol, id-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-introjtu bażiku, madankollu, jagħtu spinta siewja dwar it-tip ta' protezzjoni soċjali li s-soċjetajiet jixtiequ." Il-KESE aktar qabel iddikjara li "Introjtu minimu Ewropew ser jgħin biex tiġi żgurata l-koeżjoni ekonomika u territorjali, biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, biex jiġi garantit bilanċ bejn l-għanijiet ekonomiċi u soċjali u biex ir-riżorsi u l-introjtu jitqassmu mill-ġdid b'mod ekwu"; huwa sejjaħ ukoll għall-adozzjoni ta' direttiva ta' qafas u li jiġu eżaminati "l-possibilitajiet ta' finanzjament għal introjtu minimu Ewropew".

Raġuni

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni ma jkoprix il-benefiċċji għal sussistenza minima. Il-fokus ewlieni huwa li jkun iffaċilitat l-aċċess għas-sigurtà soċjali għal dawk il-gruppi ta' ħaddiema li x'aktarx li ma jkunux koperti minn sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Istati Membri. Għaldaqstant ma hemm l-ebda hteġa għal dispijaċir li n-nozzjoni ta' dħul bażiku ġiet skartata mill-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, il-KESE jista' jieħu nota tad-diskussjoni li għaddejjja fl-Istati Membri u f'fora oħrajn bħall-OECD. Fir-rigward tal-Opinjoni preċedenti tal-KESE dwar l-introjtu minimu għandu jkun hemm ukoll link għad-dikjarazzjoni tal-Grupp ta' Min Iħaddem biex tkun indikata b'mod ċar id-diverġenza ta' fehmiet f'din il-kwistjoni. Ir-referenza għad-dikjarazzjoni tal-Grupp ta' Min Iħaddem ġiet użata qabel, pereżempju, fl-Opinjoni tal-KESE SOC/542 (Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali) u SOC/564 (L-impatt tad-dimensjoni soċjali u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fuq il-Futur tal-UE).

⁽¹⁾ Commission Staff Working Document Impact Assessment Accompanying the Document (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja dan id-Dokument). (Mhux disponibbli bil-Malti)

⁽²⁾ ĠU C 170, 5.6.2014, p. 23.

Riżultat tal-votazzjoni

Favur	92
Kontra	113
Astensjonijiet	13
